**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J. Farrugia)**

**vs**

**Iris Cremona**
**(ID 145073(M))**

**Illum, 11 ta' Novembru 2022**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputata **Iris Cremona** ta' 38 sena, bint Emanunel Ciantar u Lorenza nee` Zahra, imwielda l-Pieta` nhar it-12 ta' Marzu 1973 u residenti 392, Ġesu` Redentur, Triq San Tumas, Tarxien, detentriċi tal-karta ta' l-identita` bin-numru 145073(M);

**Akkużata** talli fix-xahar ta' Jannar 2011 u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gżejjer, fil-fond garaxx bl-isem ta' 'Target Furniture' li jinsab fi Triq Ħal Qormi, Marsa:

(1) Qegħdet fis-suq, immanifatturat, għamlet manutenzjoni jew ipprovdiet xi apparat rilevanti għal-logħob jew xi parti jew partijiet minnu, meta ma kellhiex liċenzja valida għal dan l-iskop, maħruġa mill-Awtorita` kompetenti jew ma kinitx eżenti minn dik il-ħtieġa ta' liċenzja dwar dak l-apparat rilevanti għal-logħob mill-istess Awtorita` kompetenti;

(2) U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, operat, ippromoviet jew biegħet jew b'xi mod li jkun għenet jew ħajret l-operat, promozzjoni jew bejgħ ta' logħob mhux awtorizzat;

(3) U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, xjentement ippermettiet l-użu ta' xi post bil-għan tal-operazzjoni, il-promozzjoni, il-bejgħ jew il-logħob ta' xi logħba bi ksur ta' xi disposizzjoni tal-liġi jew ta' xi regolamenti magħmulin taħt xi liġi;

(4) U aktar fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamlet xi ħaġa mingħajr liċenzja ta' Awtorita` kompetenti meta din il-liċenzja hija meħtieġa minn liġi jew minn regolament magħmulin mill-Awtorita' kompetenti bis-saħħa ta' dik il-liġi;

(5) U aktar talli l-istess żmien, lok u ċirkostanzi ħaddmet każino mingħajr liċenzja maħruġa mingħand Awtorita' kompetenti.

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 48 tal-Att dwar il-Logħob (Kap. 400 tal-Liġijiet ta' Malta) datat 27 ta' Lulju 2011[1] u l-kunsens tal-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 74(2) tal-Att dwar Lotteriji u Logħob ieħor (Kap. 438 tal-Liġijiet ta' Malta) sabiex jittieħdu proċedimenti kriminali kontra l-imputata odjerna[2];

Semgħet it-trattazzjoni tad-difiża, u dan wara li semgħet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li kienet qegħda tirrimetti ruħha għad-deċiżjoni tal-Qorti.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Prosekuzzjoni esebiet affidavit ta' **Keith Caruana**, illi fiż-żmien relattiv kien skrivan fid-Dipartiment tal-Kummerċ, inkarigat illi jirrappreżenta s-Sezzjoni Liċenzji tal-Kummerċ fi ħdan l-istess Dipartament, li jiddikjara illi l-imputata ma kellha l-ebda liċenzja maħruġa mis-Sezzjoni Liċenzji tal-Kummerċ, kif ukoll illi ma kien hemm l-ebda liċenzja fuq 'Target Furniture', ġewwa Triq Ħal Qormi, Marsa.[3]

**Edmond Galea**, in rappreżentanza tal-Awtorita` dwar il-Lotteriji u l-Logħob, jixhed illi l-imputata odjerna ma kellha l-ebda liċenzja jew permess f'isimha.[4]

**PS 1195 Conrad Debattista** jixhed illi nhar it-30 ta' Jannar 2011, għall-ħabta tal-4.00 p.m., huwa kien mar jagħmel spezzjoni ġewwa żewġt iħwienet, 147 Bar sitwat ġewwa Triq Ħal Qormi u Liverpool Bar ġewwa Triq Ħal Qormi, Ħamrun. Huwa kien mar hemmhekk u nforma b'dan lill-Awtorita` dwar il-Lotteriji u l-

[1] Ara a fol. 7 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 23 tal-proċess.
[3] Ara a fol. 4 tal-proċess.
[4] Ara a fol. 13 u 14 tal-proċess.

Logħob, wara li kien daħal rapport li f'dawn iż-żewġ postijiet, kien qed isir xi logħob tal-ażżard. Skont ix-xhud, l-imputata għandha konnessjoni mal-Liverpool Bar. Jgħid ukoll illi huwa kien mar f'dan l-aħħar fond flimkien ma' rappreżentanti tal-istess Awtorita` u hemmhekk sab lil Iris Cremona u lil żewġha, apparti li kien hemm diversi nies oħra fl-istess ħanut. Jgħid ukoll illi fil-fond kien hemm mejda kbira tal-ażżard bir-*roulette* u biċ-ċipep, li fuqha kienet qed tintlagħab logħba minn diversi persuni madwar l-istess mejda. Jgħid illi ċ-ċipep ġew elevati, iżda bi ftehim bejn is-Supretendent Magri u r-raġel tal-imputata [li kif tgħid tajjeb id-difiża, ismu jibqa' ma jissemmiex] il-mejda ma ġietx elevata u din kellha tintrefa' u titqiegħed f'garaxx. Iċ-ċipep u l-mejda ġew iffotografati u ngħatat riċevuta lill-imputata ta' dawn iċ-ċipep. Jgħid in oltre illi huwa kien tkellem mar-raġel tal-imputata, li qallu li dak il-ħin kienet qed issir kompetizzjoni għal xi tazza. Ix-xhud esebixxa r-rapport li kien għamel hu dwar il-każ odjern, li *inter alia* jgħid hekk:

> "RIGWARD IL-FOND BL-ISEM TA' 'LIVERPOOL BAR' LICENZJAT FUQ IRIS CREMONA ID145073M L-ISTESS FOND GIE SPEZZJONAT QUDDIEM IS-SINJURA CREMONA FEJN GIET MISJUBA MEJDA TAL-POKER BIC-CIPPEP."[5]

**In kontro-eżami**, ix-xhud jiċħad illi dakinhar il-mejda kienet mgħottija u jgħid illi kien hemm il-ġukaturi u nies oħra mdawrin mal-mejda, u jirrepeti illi r-raġel tal-istess imputata kien qallu li kienet qed issir xi kompetizzjoni. Jerġa' jirrepeti wkoll illi fuq il-post kien hemm kemm l-imputata, kif ukoll żewġha.[6]

**Il-Prokuratur Legali Quentin Tanti**, in rappreżentanza tal-Awtorita` ta' Malta dwar it-Turiżmu jixhed illi l-istess Awtorita' ma tilliċenzjax *furniture outlets*, kif ukoll illi 'Target Furniture' f'Qormi Road, Marsa ma ġiex traċċjat fuq id-*database* tal-istess Awtorita`. Jixhed ukoll illi Iris Cremona (ID 145073(M)) ma ġietx traċċjata fuq l-istess *database* bħala li qed topera 'Target Furniture' u dan skont dikjarazzjoni ta' Alex Flores, mis-sezzjoni tal-amministrazzjoni tal-liċenzji, li ġiet esebita mix-xhud[7].[8]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi d-difiża tikkontendi fil-mori tat-trattazzjoni finali tagħha illi l-Prosekuzzjoni ressqet provi li juru illi nhar it-30 ta' Jannar 2011, il-Pulizija aċċediet ġewwa żewġ fondi, u ċioe` '147 Bar' u 'Liverpool Bar', fejn f'dan ta' l-aħħar kienet

[5] Ara a fol. 21 tal-proċess.
[6] Ara a fol. 15 sa 18 tal-proċess.
[7] Ara d-dokument a fol. 26 tal-proċess.
[8] Ara din ix-xhieda a fol. 24 u 25 tal-proċess.

nstabet mejda li fuqha kien qiegħed isir xi logħob, u dan filwaqt illi ċ-ċitazzjoni odjerna takkuża lill-imputata b'reati mwettqa fix-xahar ta' Jannar 2011 u fix-xhur ta' qabel, ġewwa fond ossia garaxx bl-isem ta' 'Target Furniture'.

In oltre id-difiża tissottometti wkoll illi:

(i) ma nġabet l-ebda prova li l-imputata għandha xi konnessjoni mal-fond bl-isem ta' 'Liverpool Bar';

(ii) minkejja li jissemmew diversi persuni li kienu qegħdin jilagħbu logħob illeċitu, dawn qatt ma tressqu sabiex jixhdu f'dawn il-proċeduri u illi għalhekk kollox jistrieħ fuq ix-xhieda ta' PS 1195 Conrad Debattista dwar dak li huwa rriskontra fil-fond in kwistjoni;

(iii) kopja tar-riċevuta taċ-ċipep tal-logħob li ngħatat lill-imputata u li l-istess xhud jgħid li kienu ġew elevati mill-fond in kwistjoni, qatt ma ġiet esebita fl-atti proċesswali.

Oltre dawn il-punti fil-mertu, id-difiża ressqet ukoll punti ta' natura legali, li għar-raġunijiet li jsegwu, il-Qorti ma jidhrilhiex illi għandha għalfejn tindirizzahom f'dan il-ġudizzju.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Il-Qorti tqis illi kif tajjeb tgħid id-difiża, il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-każ tagħha fil-grad rikjest mil-liġi.

Fir-rigward taċ-ċitazzjoni odjerna, il-Qorti tqis li m'hemmx dubju illi l-kontenzjoni tad-difiża hija fattwalment korretta, u ċioe` illi filwaqt li l-imputata ġiet akkużata b'reati allegatament imwettqa minnha *"fil-fond garaxx bl-isem ta' Target Furniture li jinstab fi Triq Ħal Qormi, Marsa"*, jirriżulta mix-xhieda ta' PS 1195 Conrad Debattista illi nhar it-30 ta' Jannar 2011, il-Pulizija aċċedew u sabu mejda, li allegatament fuqha kien qiegħed isir logħob illeċitu, ġewwa fond bl-isem ta' 'Liverpool Bar' fi Triq Ħal Qormi, Ħamrun.

Il-Qorti tqis in oltre illi l-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni lkoll jagħmlu referenza għall-fond bl-isem ta' 'Target Furniture', li ma jirriżultax li l-Pulizija aċċedew fih. Ħarsa lejn l-affidavit ta' Keith Caruana u x-xhieda tal-Prokuratur Legali Quentin Tanti ma jħallu l-ebda dubju illi l-prova li ttentat tressaq il-Prosekuzzjoni kienet mhux biss dwar jekk l-imputata kellhiex xi liċenzja maħruġa f'isimha mid-Dipartiment tal-Kummerċ u/jew mill-Awtorita` għat-Turiżmu f'Malta, iżda wkoll

jekk speċifikatament il-fond bl-isem 'Target Furniture' kienx munit b'xi għamla ta' liċenzja maħruġa mill-imsemmija entitajiet.

Il-Qorti tqis ukoll illi filwaqt li l-Pulizija aċċediet fil-fond in kwistjoni nhar it-30 ta' Jannar 2011, l-akkużi m'humiex limitati għal dan il-jum, iżda jirreferu kemm għax-xahar ta' Jannar 2011, kif ukoll għax-xhur ta' qabel din id-data, fir-rigward ta' liema xhur żgur li ma nġabu l-ebda provi.

Fir-rigward tan-natura tal-provi mressqa dwar dak li seħħ nhar it-30 ta' Jannar 2011, il-Qorti tosserva s-segwenti:

(i) Illi kif tajjeb tirrileva d-difiża fit-trattazzjoni tal-għeluq, il-Prosekuzzjoni naqset milli ġġib prova tal-konnessjoni li tista' teżisti bejn l-imputata u l-fond 'Liverpool Bar', għajr il-fatt mhux kontradett u stabbilit mix-xhieda ta' PS 1195 Conrad Debattista li l-imputata kienet fil-fond 'Liverpool Bar' dakinhar li l-Pulizija aċċedew fih. Fil-fatt baqgħet ma nġabet l-ebda prova dwar dak allegat fir-rapport ippreżentat minn PS 1195 Conrad Debattista fis-sens illi l-fond 'Liverpool Bar' kien liċenzjat fuq l-imputata Iris Cremona.

(ii) Illi fi kwalunkwe każ, l-imputata ġiet akkużata, mhux dwar il-fond 'Liverpool Bar', iżda fir-rigward tal-fond ossia l-garaxx bl-isem ta' 'Target Furniture' ġewwa Triq Ħal Qormi, Marsa, li dwaru ma nġabet la prova ta' xi konnessjoni mal-imputata odjerna u lanqas prova in konnessjoni ma' logħob ta' ażżard.

Fermi dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ma tqisx illi l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputata ġew ippruvati.

**Konklużjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputata **Iris Cremona** mhux ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha u qegħda tilliberaha minnhom.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat